

**KOHESIO U LISTI TA' OPERAZZJONIJIET
SETT TA' GĦODOD**

Introduzzjoni

Il-viżibbiltà, il-komunikazzjoni u t-trasparenza huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea ssir viżibbli fil-prattika. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, dawn id-dispożizzjonijiet ġew imsaħħa fil-qafas regolatorju, li jippreżenta potenzjal importanti għall-Istati Membri.

F'termini ta' trasparenza, il-lista ta' operazzjonijiet hija rekwiżit ewlieni. Din id-dispożizzjoni regolatorja tippermetti liċ-ċittadini, lis-settur privat, lis-soċjetà ċivili u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jaraw kif qed jintużaw il-fondi Ewropej. Fl-2014–2020, l-Istati Membri stabbilew prattiki innovattivi biex jikkapitalizzaw fuq dawn is-settijiet tad-*data*. Minbarra dawn il-każijiet, il-qafas regolatorju tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid ippermetta lill-Kummissjoni Ewropea żżid l-isforzi fil-kapitalizzazzjoni u l-użu mill-ġdid ulterjuri tad-*data* siewja pprovduta fil-listi ta' operazzjonijiet. Dan qed jinkiseb permezz ta' [Kohesio](#), pjattaforma għall-ġestjoni tal-għarfien li tuża mill-ġdid id-*data* minn 27 Stat Membru biex turi aktar minn 1.9 miljun operazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, b'aktar operazzjonijiet li għandhom jiġu integrati fl-2021–2027.

Madankollu, l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni javviċinaw il-lista ta' operazzjonijiet b'modi differenti, li konsegwentement jaffettwa l-mod kif l-azzjonijiet tal-UE huma rappreżentati fil-prattika. Biex jiġi kkonsolidat ir-rwol tal-Kohesio bħala s-sistema unika ta' *data* dwar il-proġetti għall-2021–2027, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-programmi kollha jipprovdu l-istess livell ta' trasparenza, aċċessibbiltà u viżibbiltà tal-operazzjonijiet tagħhom. Għal dan l-għan, dan id-dokument jippreżenta għan komuni li tiġi standardizzata l-informazzjoni minn fondi, reġjuni, programmi, lingwi u formati differenti.

L-iskop ta' din l-għodda ta' appoġġ huwa li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni spjegazzjoni tal-għanijiet u l-metodu ta' ħidma tal-Kohesio, tiddekrivi r-rabtiet bejn il-pjattaforma u r-rekwiżit ta' lista ta' operazzjonijiet, u tissuġġerixxi l-aħjar prattiki għall-abbozzar tal-listi ta' operazzjonijiet. Id-dokument huwa segwitu għad-diskussjoni u l-mistoqsijiet imqajma fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Komunikazzjoni ta' Inform EU.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà:

Dan id-dokument tneġġja mis-servizzi tal-Kummissjoni u ma jorbotx lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti biex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni b'mod awtorevoli. Dan id-dokument għandu l-għan li jispjega l-pjattaforma Kohesio u jipprovdi eżempji tar-rekwiżit ta' lista ta' operazzjonijiet.

1. Lista ta' operazzjonijiet stampa tal-implimentazzjoni

Il-lista ta' operazzjonijiet hija rekwiżit regolatorju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, spjegat fl-Artikolu 49, il-paragrafi 3, 4 u 5 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)¹:

3. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħmel il-lista ta' operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ mill-Fondi disponibbli pubblikament fuq is-sit web f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għandha tagħgornaha mill-inqas kull 4 xhur. Kull operazzjoni għandu jkollha kodiċi uniku. Din il-lista għandu jkun fiha d-data segwenti:

- (a) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi, isem il-benefiċjarju u, fil-każ ta' akkwist pubbliku, isem il-kuntrattur;*
- (b) fejn il-benefiċjarju huwa persuna fiżika, l-isem u l-kunjom;*
- (c) għall-operazzjonijiet tal-FEMSA marbuta ma' bastiment tas-sajd, in-numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif jissewma fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 (47);*
- (d) isem l-operazzjoni;*
- (e) l-iskop tal-operazzjoni u l-kisbiet mistennija jew reali tagħha;*
- (f) id-data ta' bidu tal-operazzjoni;*
- (g) id-data mistennija jew reali tat-tlestija tal-operazzjoni;*
- (h) il-kost totali tal-operazzjoni;*
- (i) il-fond ikkonċernat;*
- (j) l-oġettiv speċifiku kkonċernat;*
- (k) ir-rata ta' kofinanzjament mill-Unjoni;*
- (l) indikatur tal-post jew ġeolokalizzazzjoni għall-operazzjoni u l-pajjiż ikkonċernat;*
- (m) għal operazzjonijiet mobbli jew li jkopru bosta postijiet, il-post tal-benefiċjarju meta dan ikun entità ġuridika; jew ir-reġjun fil-livell NUTS 2 meta l-benefiċjarju huwa persuna fiżika;*
- (n) tip ta' intervent għall-operazzjoni f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 73(2);*

Għal data msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, id-data għandha titneħħa sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha fuq is-sit web.

4. Id-data msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ippubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1, jew fuq is-sit web bħala l-portal uniku msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament, f'formati li jkunu miftuħin u li jinqraw mill-magni, kif stipulat fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (48), li tippermetti li d-data tkun magħżula, imfittxija, estratta, mqabbla u użata mill-ġdid.

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji li d-data ser issir pubblika qabel ma tkun ippubblikata skont dan l-Artikolu.

Fi kliem ieħor, il-lista ta' operazzjonijiet hija stampa tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE fi programm partikolari f'mument partikolari. Din tirrikjedi li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jipprovdu informazzjoni mill-

¹ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.](#)

operazzjonijiet kollha ffinanzjati bħala parti minn programm, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw sors aġġornat u disponibbli għall-pubbliku dwar l-operazzjonijiet fil-belt, fir-reġjun jew fil-pajjiż tagħhom jew fl-UE.

Kampijiet tad-*data*

It-tip ta' informazzjoni li jeħtieġ li tiġi inkluża fil-listi ta' operazzjonijiet hija elenkata fl-Artikolu 49(3) tar-RDK. Dan jinvolve kampijiet tad-*data* li jipprovdu informazzjoni dwar l-operazzjoni u l-programm, il-benefiċjarju u l-finanzjament. Bl-għan li jkun hemm viżibbiltà aħjar tal-politiki tal-UE u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-pjattaforma Kohesio, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-proġetti (ara t-taqsimi 3 għad-dettalji).

Disponibbiltà wiesgħa

Il-lista ta' operazzjonijiet għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, jiġifieri se jiġi ppubblikati fuq is-sit web tal-programm jew fuq is-sit web bħala l-portal uniku (l-Artikolu 49(3) u 4)). Hija meqjusa prattika tajba li jiġi pprovduti indirizzi ta' siti web stabbli li ma jinbidlux meta jittellgħu verżjonijiet differenti tal-listi ta' operazzjonijiet. Fir-rigward tal-lingwa, huwa meħtieġ li l-lista ta' operazzjonijiet tiġi ppubblikata f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

Aġġornata u attwali

L-għoti ta' informazzjoni aġġornata huwa ta' importanza kbira għall-ħolqien ta' settijiet tad-*data* affidabbli u preċiżi dwar il-politiki tal-UE. Skont l-Artikolu 49(3), dan għandu jinkiseb billi d-*data* tiġi aġġornata mill-inqas kull erba' xhur. L-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu jagħmlu dan aktar spiss, pereżempju wara li jagħżlu u jikkuntrattaw operazzjonijiet ġodda.

Format u użu mill-ġdid

Il-format tal-listi ta' operazzjonijiet huwa element importanti għall-aċċessibbiltà: għandha tiġi ppubblikata f'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni, li jippermettu li d-*data* tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid. Fil-prattika, formati miftuħa u li jinqraw mill-magni (bħal .csv, .xlsx u oħrajn) joffru *data* strutturata li tippermetti li jinstabu modi ġodda kif tintuża u kif jinħolqu servizzi jew prodotti ġodda. Dak imsemmi hawn fuq isir partikolarment importanti fil-każ ta' informazzjoni tas-settur pubbliku², li tikkostitwixxi ġabra vasta u diversa ta' riżorsi.

Informazzjoni lill-benefiċjarji

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarji jkunu konxji mir-rekwiżit u tinformahom li d-*data* ser issir pubblika qabel ma tkun ippubblikata (l-Artikolu 49(5)).

² Kif deskritt fid-[Direttiva \(UE\) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku](#).

B'parametri msaħħa u kampijiet tad-*data* addizzjonali, il-qafas regolatorju 2021–2027 jistabbilixxi l-istadju għall-ħolqien ta' valur miżjud mid-*data* li tinsab fil-listi ta' operazzjonijiet. Dan sar primarjament permezz ta' Kohesio.

2. Kohesio: pjattaforma għal proġetti ffinanzjati mill-UE

[Kohesio](#) hija pjattaforma għall-ġestjoni tal-għarfien li għandha l-għan li tiġbor u tivviżwalizza d-*data* operazzjonali mil-lista ta' operazzjonijiet, b'aktar minn 1.9 miljun operazzjoni tal-politika ta' Koeżjoni³ inklużi fil-pjattaforma. Din tnediet uffiċjalment f'Marzu 2022, wara perjodu pilota li matulu l-Kummissjoni integrat id-*data* operazzjonali mill-perjodu 2014–2020, li tkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). L-ewwel fażi tal-proġett pilota Kohesio kienet tinkludi operazzjonijiet minn sitt Stati Membri⁴ li mbagħad ġew estiżi għas-27 kollha. F'Lulju 2022, il-proġetti Interreg ġew inklużi wkoll. Bħalissa, REGIO qed jeżamina għażliet biex Kohesio ssir sistema unika ta' proġetti għall-fondi kollha koperti mir-RDK.

Minn ta' quddiem għall-aċċessibbiltà u t-trasparenza

Kohesio għandha l-għan li tagħmel l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE aktar trasparenti, aktar aċċessibbli u ttejjeg l-użu mill-ġdid tad-*data* eżistenti. Il-funzjonalitajiet tagħha jinkludu mappa interattiva u modulu tal-proġetti u tal-benefiċjarji. Il-moduli jippermettu t-tiftix ta' inizjattivi ffinanzjati mill-UE permezz ta':

- kliem ewlieni,
- il-pajjiż u r-reġjun,
- l-oġġetti tematiċi, tal-politika u temi ġenerali,
- il-kategoriji tal-proġett,
- il-fond,
- il-programm,
- l-assi prijoritarju,
- il-baġit totali u tal-UE,
- il-qasam tal-intervent,
- id-*data* u
- l-organizzazzjonijiet benefiċjarji.

³ Wara t-tnedija formali tal-Kohesio f'Marzu 2022, il-pjattaforma kienet tinkludi 1,718,033 operazzjoni. Dan in-numru qed jespandi kontinwament b'*data* ġdida integrata f'Kohesio.

⁴ L-ewwel Stati Membri li d-*data* tagħhom ġiet inkluża f'Kohesio huma Franza, id-Danimarka, l-Irlanda, iċ-Ċekja, l-Italja u l-Polonja. Ir-rappreżentanti ta' dawn l-Istati Membri ħadu sehem f'Seminar Tekniku dwar Kohesio fl-2020 u pprovdew feedback siewi għall-iżvilupp tal-pjattaforma.

Bħala tali, il-pjattaforma tippermetti li wieħed isib l-informazzjoni u jikkomunika territorjalment, tagħmel il-politiki tal-UE aktar aċċessibbli minkejja d-differenzi lingwistiċi u żżid il-fehim tal-politiki b'eżempji konkreti ta' tal-operazzjonijiet. Minbarra dawn l-għanijiet, il-funzjonalitajiet tal-Kohesio jistgħu jappoġġjaw kompiti differenti ta' kuljum ta' ġestjoni tal-programm. Il-pjattaforma tiddependi fuq software b'sors miftuħ u mingħajr ħlas żviluppat minn Wikimedia Deutschland u tuża teknoloġija bħall-intelliġenza artifiċjali, it-tagħlim awtomatiku u t-tiftix semantiku.

Orìġini tad-*data*

Is-sors prinċipali tad-*data* huwa l-listi ta' operazzjonijiet, kif spjegat fl-Artikolu 49(3) tar-RDK⁵. Id-*data* li tinġabar flimkien skont l-Artikolu 49(3) hija s-sinsla tal-Kohesio: din tinkludi l-informazzjoni kollha dwar l-operazzjoni li mbagħad tintuża mill-ġdid, tiġi strutturata u viżwalizzata fil-pjattaforma (ħarsa ġenerali eżawrjenti lejn il-listi ta' operazzjonijiet użati għall-Kohesio u l-iperlinks relatati tinsab [fit-taqsimha tal-FAQ](#) tal-Kohesio).

Il-lingwa

Kohesio tuża l-[eTranslation](#), l-għodda tat-traduzzjoni awtomatika tal-Kummissjoni, biex tittraduċi d-dettalji dwar l-operazzjonijiet minn lingwi differenti għall-Ingliż.

L-udjenzi fil-mira

Bħala għodda ta' komunikazzjoni u trasparenza, Kohesio toffri sett wiesa' ta' użi possibbli biex il-Politika ta' Koeżjoni tkun viżibbli fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Għall-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, Kohesio tista' tintuża biex jinżamm rekord tal-investimenti f'ċerti reġjuni ta' pajjiż wieħed jew aktar, tikkomunika operazzjonijiet speċifiċi (bl-użu ta' URL speċifiku peress li kull operazzjoni għandha l-paġna tagħha stess f'Kohesio, u billi Kohesio tiġi integrata fuq is-siti web tal-programm pereżempju) jew tippromwovi operazzjonijiet ġodda magħżula għall-appoġġ. Għall-benefiċjarji, Kohesio tagħmel xogħolhom aktar viżibbli u toffri aktar opportunitajiet ta' promozzjoni billi tpoġġihom fuq il-mappa tal-operazzjonijiet kofinanzjati mill-UE. Il-midja, l-istituzzjonijiet internazzjonali, l-iżvilupp reġjonali u esperti oħra jistgħu jieħdu vantaġġ minn Kohesio billi jirriċerkaw dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni, isibu informazzjoni dwar benefiċjarji u operazzjonijiet speċifiċi, u jieħdu kont tal-kisbiet tal-operazzjoni. Bil-funzjonalità tal-*Proġetti qrib tiegħi*, *il-ċittadini* jistgħu jużaw Kohesio biex isibu operazzjonijiet viċin il-post attwali tagħhom, jew f'żoni oħra fejn jgħixu, jaħdmu jew iqattgħu l-ħin. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni Ewropea qed tippjana li tuża l-Kohesio biex tagħżel operazzjonijiet għal żjarat, intervisti, briefings, eċċ.

Il-metodu ta' ħidma

Kohesio tiddependi fuq listi ta' operazzjonijiet li diġà huma ppubblikati mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet ta' ġestjoni. L-informazzjoni dwar l-operazzjoni tinġabar mis-siti web tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet ta' ġestjoni b'mod awtomatizzat. Fi kliem ieħor, l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma meħtieġa jħejju u jippubblikaw *data* dwar l-operazzjoni f'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni. Il-Kummissjoni mbagħad tiġbor listi ta' operazzjonijiet direttament minn dawn is-siti web, tarrikkixxi d-*data* u tagħmel kontroverifika

⁵ Fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, japplikaw l-Artikolu 115 u l-Anness XII tar-[Regolament \(UE\) Nru 1303/2013](#).

tal-kwalità tagħha, u fl-aħħar nett tintegraha f'Kohesio. F'dawn il-passi, id-*data* tinġabar minn siti web diversi drabi matul is-sena biex isir użu mill-aktar aġġornamenti reċenti.

Meta l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni jissodisfaw l-obbligi tagħhom dwar il-listi ta' operazzjonijiet, ma jkun hemm l-ebda komputu addizzjonali li jikkonċerna l-Kohesio. Madankollu, jeżisti distakk rigward il-listi ta' operazzjonijiet u l-Kohesio. Il-modi differenti ta' strutturar tas-settijiet tad-*data* u *data* differenti inkluża fil-listi ta' operazzjonijiet li jinsabu madwar l-Istati Membri jaffettwaw il-fehim koerenti u komparabbli tal-azzjoni tal-UE fil-prattika, kif ukoll id-disponibbiltà tad-*data* (mhux biss għall-Kohesio, iżda għal skopijiet oħra ta' komunikazzjoni). Dan għandu impatt fuq it-trasparenza tal-fondi tal-UE u fuq Kohesio. L-għoti ta' struttura għal aktar armonizzazzjoni fil-listi ta' operazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet ta' ġestjoni huwa meqjus bħala mod kif tiġi indirizzata din l-isfida.

3. It-tnaqqis tad-distakk: minn approċċi differenti għal standard komuni

Abbażi tal-prattiki tal-2014–2020 tal-pubblikazzjoni tad-*data* tal-lista ta' operazzjonijiet, ġie nnutat li l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni jitrattaw ir-rekwiżiti tal-lista ta' operazzjonijiet b'modi differenti, mhux dejjem sistematiċi. Din id-diversità fl-approċċi tirreferi għall-format tal-kampijiet tad-*data*, inkonsistenzi bejn verżjonijiet differenti tal-listi ta' operazzjonijiet, u sa ċertu punt, differenzi li jikkonċernaw liema kampijiet tad-*data* huma inklużi⁶.

Għalhekk, dan il-kapitolu għandu l-għan li jistabbilixxi struttura komuni għall-produzzjoni ta' lista ta' operazzjonijiet, jissuġġerixxi kif tista' tittejjeb il-kwalità tad-*data* u juri l-għan bl-aħjar Prattiki. F'konformità mal-importanza li tiżdied il-viżibbiltà tal-politiki tal-UE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea jaqsmu interess komuni li jippubblikaw *data* ta' kwalità għolja dwar l-operazzjoni, jikkapitalizzawha permezz tal-Kohesio u jwasslu valur miżjud għat-trasparenza, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni tal-politiki tal-UE.

Il-paġna li jmiss turi **mudell ta' lista estiża ta' operazzjonijiet**, inklużi l-kampijiet tad-*data* deskritti fl-Artikolu 49(3) u aktar kampijiet essenzjali għat-trasparenza u l-Kohesio, l-ispegazzjonijiet tagħhom u eżempji. L-għan ta' dan l-eżempju huwa li juri kif tista' tidher lista ta' operazzjonijiet rikka u siewja. Il-mudell huwa segwit b'fajl Excel (anness ma' dan id-dokument), li jippreżenta l-istess kampijiet iżda f'format li jippermetti użu mill-ġdid aktar faċli. L-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa jsegwu l-ordni tal-kampijiet

⁶ Pereżempju, ġie nnutat li madwar l-UE qed jiġu pprovduti aktar minn mitt mudell differenti. Għadd ta' listi ta' operazzjonijiet ma ġewx ippubblikati f'format faċli għall-magni, filwaqt li oħrajn ma pprovdewx URL stabbli (jiġifieri l-link għal-lista ta' operazzjonijiet inbidlet wara l-aġġornamenti). Ukoll, għadd ta' listi ta' operazzjonijiet jużaw kliem differenti għall-istess kampijiet tad-*data*, li jostakola l-integrazzjoni tad-*data* fil-Kohesio.

tad-*data* ppreżentata fil-mudell (il-kolonna Kamp tad-*data*). It-taqsimha tispiċċa b'lista ta' prattiki ġenerali biex isir l-aħjar użu mill-listi ta' operazzjonijiet.

Jekk jogħġbok innota li l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma meħtieġa jipprovdu d-*data* elenkata fl-Artikolu 49(3). L-espansjoni tal-lista ta' operazzjonijiet ibbażata fuq il-mudell estiż propost⁷ hija fuq bażi volontarja. Dan huwa mħeġġeġ ħafna, peress li jisfrutta wkoll il-potenzjal ta' sorsi diġà disponibbli. Jiġifieri, il-kampijiet tad-*data* tal-mudell estiż jirreferu għal *data* li għandha tiġi rreġistrata u maħżuna elettronicament għal kull operazzjoni, li hija deskritta fl-Artikolu 72(1,e) u fl-Anness XVII. It-tieni nett, l-espansjoni tal-lista oriġinali ta' operazzjonijiet se twassal għal aktar trasparenza għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet ta' ġestjoni, kemm permezz ta' aktar settijiet tad-*data* li jippermettu aktar użu mill-ġdid kif ukoll permezz tal-Kohesio.

Għalhekk, l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mistiedna jagħmlu użu mill-eżempji u jintegraw dawn il-prattiki fil-programmi. Dan se jissottolinja l-approċċ tagħna għall-komunikazzjoni: il-komunikazzjoni tal-politiki tal-UE hija impriża konġunta li tinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, li l-involviment, id-dedikazzjoni u l-għarfien espert tagħhom huma kundizzjoni ewlenija għas-suċċess.

⁷ Il-kampijiet tad-*data* addizzjonali proposti fil-mudell estiż huma mmarkati b'asterisk (*).

Kamp tad-data	Deskrizzjoni	Eżempju
Programm		
Programm*	Jirreferi għas-CCI, kodiċi speċifiku allokat għal kull programm, li jgħin fl-identifikazzjoni tal-programm eżatt (fost ħafna fil-Kohesio).	2022FR16M00P003
Prijorità*	Prijorità speċifika għall-programm li tindirizza objettiv ta' politika wieħed. <i>Parir: uża format standard għall-prijoritajiet u għat-traduzzjonijiet uffiċjali (EUR-Lex) fil-lingwa użata għal-lista ta' operazzjonijiet</i>	2 – Sostenibbiltà
Objettiv speċifiku	Objettiv speċifiku li jintgħażel u jiġi inkluż f'kull programm (u elenkat fir-RDK u fir-regolament speċifiku għall-fond). <i>Parir: daħħal kemm il-kodiċi kif ukoll l-isem tal-objettiv speċifiku fil-lingwa tal-lista ta' operazzjonijiet.</i>	2.7. - Il-promozzjoni tal-mobbiltà urbana multimodali sostenibbli, bħala parti mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti
Operazzjoni		
ID tal-Operazzjoni	Kodiċi uniku li jidentifika operazzjoni, definit mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-Istat Membru. <i>Parir: żgura li l-operazzjonijiet kollha jkollhom numri ta' identifikazzjoni fil-verżjonijiet kollha tal-listi ta' operazzjonijiet, biex jiġi żgurat l-aġġornament tad-data tal-operazzjoni minn verżjoni waħda tal-lista għal oħra. Jekk possibbli, l-ID għandha tkun l-istess bħal dik fis-sistema ta' informazzjoni tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet ta' ġestjoni. Għal operazzjonijiet ta' importanza strateġika, uża l-prefiss "OSI" jew ara s-suġġeriment żewġ ringieli 'l isfel.</i>	Project_CZ_01 jew OSI_CZ_01
Isem l-operazzjoni	Titlu tal-operazzjoni jew tal-grupp ta' proġetti. <i>Parir: agħżel titoli sempliċi u li jinftiehem u evita termini tekniċi, jekk possibbli. Uża akronimi meta jkunu sinifikanti jew jintlaqgħu tajjeb mal-udjenza.</i>	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-belt ta' Osijek

Operazzjoni ta' importanza strateġika*	Speċifika jekk l-operazzjoni hijiex operazzjoni ta' importanza strateġika. Din id- <i>data</i> se tippermetti li l-operazzjonijiet jiġu enfasizzati, iffiltrati u rkuprati faċilment fil-pjattaforma Kohesio.	Iva <i>jew</i> Le
Sejħa għal proposta*	Speċifika taħt liema sejħa għal proposta l-operazzjoni ntgħażlet mill-programm. L-identifikatur tas-sejħa għall-proposti għandu jaqbel ma' dak inkluż fl-iskeda meħtieġa mill-Artikolu 49(2). <i>Parir: daħħal kemm l-identifikatur kif ukoll l-isem tas-sejħa għal proposta.</i>	TRANSP_01 – azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-mobbiltà pubblika fil-bliet
Skop u kisbiet mistennija jew reali	Deskrizzjoni mfassla apposta tal-iskop u l-kisbiet prinċipali tal-operazzjoni. <i>Parir: ipprova deskriżzjoni ċara, sempliċi u sinifikanti, u inkludi informazzjoni ewlenija dwar l-operazzjoni, bħal deskriżzjoni tal-isfida li l-proġett qed jindirizza, l-oġettivi tal-proġett, l-iskop u l-kisbiet, id-deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-proġett u l-gruppi fil-mira, il-partijiet ikkonċernati, l-utenti finali u ċittadini oħra li se jibbenefikaw mill-proġett. Jekk possibbli, evita l-akronimi.</i>	... Il-proġett għandu l-għan li jagħti spinta lit-trasport pubbliku fil-belt ta' "xy". Se tinbena linja tal-metro ġdida ta' 10 km fil-viċinat "z" u se tgħaqqad iż-żoni residenzjali maċ-ċentru tan-negozju. Il-proġett jappoġġja l-viżjoni fit-tul tagħha li ssir belt ekoloġika u reżiljenti. ...
Data ta' bidu tal-operazzjoni	Id-data ta' meta l-operazzjoni tibda l-implimentazzjoni. <i>Parir: uża formati konsistenti għall-operazzjonijiet kollha, kif deskritt fl-eżempju.</i>	20/05/2021
Data mistennija jew reali tat-tlestija tal-operazzjoni	Id-data tat-triem ippjanata jew reali tal-operazzjoni. <i>Parir: uża formati konsistenti għall-operazzjonijiet kollha (ara l-eżempju).</i>	20/05/2023
Indikatur tal-post jew ġeolokalizzazzjoni għall-operazzjoni	Informazzjoni li tindika l-post tal-operazzjoni. <i>Parir: uża latitudni u lonġitudni ġeografika jew kodiċi postali peress li dawn jipprova l-aktar postijiet preċiżi tal-operazzjonijiet. Il-koordinati ġeografiċi jistgħu jiġu estratti hawn.</i>	50.84801789269416, 4.350378703504829 <i>Jew</i> 1000

	Għal <u>operazzjonijiet ibbażati fuq il-post</u>, huwa ssuġġerit li jiġi inkluż il-post fejn ikun sar l-investiment fiżiku, fejn ġie installat it-tagħmir mixtri, jew fejn ġew implimentati l-maġġoranza tal-attivitajiet tal-proġett jew dawk l-aktar sinifikanti (dan huwa wkoll il-post fejn għandhom jintwerew plakek durabbli, billboards jew posters viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku). Għal <u>operazzjonijiet mhux implimentati f'post wieħed speċifiku</u>, jekk jogħġbok ara l-kamp tal-<i>Post tal-benefiċjarju</i>. Għal <u>Interreg</u>, huwa ssuġġerit li jiġi inklużi l-postijiet tas-sħab kollha tal-proġett.	
Pajjiż	Informazzjoni li tindika l-pajjiż. <i>Parir: uża kodiċijiet tal-pajjiżi standardizzati kif elenkati fis-sit web tal-Eurostat.</i>	NL
Tip ta' intervent	Kodiċijiet u/jew deskrizzjonijiet li jirreferu għat-tipi ta' interventi, kif speċifikat fl-Anness I tar-RDK.	038 Proġetti ta' effiċjenza enerġetika u ta' dimostrazzjoni fl-SMEs u miżuri ta' appoġġ
Finanzjament		
Kost totali tal-operazzjoni	Il-kostijiet eliġibbli totali relatati mal-operazzjoni. <i>Parir: meta ddaħħal l-ammonti, uża "." bħala separatur</i>	1000000.00
Fond ikkonċernat	Jirreferi għall-Fond(i) Ewropew/ej li qed jappoġġjaw l-operazzjoni. <i>Parir: uża traduzzjonijiet uffiċjali tal-(EUR-Lex) tal-ismijiet tal-Fond fil-lingwa użata għal-lista ta' operazzjonijiet (eż. ERDF bl-Ingliż, EFRR bil-Kroat, FESR bit-Taljan...) Jekk operazzjoni tkun iffinanzjata minn aktar minn fond wieħed, speċifika l-fondi u sseparahom permezz ta' simbolu tal-pajp (" ").</i>	FEŻR jew FEŻR FSE

Rata ta' kofinanzjament mill-Unjoni	Ir-rata ta' kofinanzjament ta' operazzjoni <i>Parir: ipprovdj perċentwali jew deċimali.</i>	32 % <i>jew</i> 0.32
Benefiċjarju		
Isem il-benefiċjarju	Indika l-isem tal-benefiċjarju (fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi) u l-isem u l-kunjom (fejn il-benefiċjarju huwa persuna fiżika). Fil-każ ta' benefiċjarji bħala persuni fiżiċi, id-<i>data</i> għandha titneħħa sentejn mid-<i>data</i> tal-pubblikazzjoni inizjali fuq is-sit web tal-programm jew is-sit web bħala portal uniku. <i>Parir: żgura l-konsistenza fl-ismijiet tal-benefiċjarji u uża ismijiet sħaħ u uffiċjali (jiġifieri, evita żbalji tipografiċi jew żbalji simili, bħal "Belt ta' Ferrara" u "Belt Ferrara"). Fil-każ li l-operazzjoni tinkludi diversi benefiċjarji, inkludihom kollha u aqşam l-entrati bis-simbolu tal-pajp (" ").</i>	Il-Belt ta' Ferrara <i>jew</i> Giovanni Giannini <i>jew</i> Giovanna Giannina Paolo Rossi
ID tal-benefiċjarju*	Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-benefiċjarju b'personalità ġuridika. F'każ li l-benefiċjarju jkun persuna fiżika, l-ID tal-benefiċjarju titħalla barra. <i>Parir: uża numri ta' identifikazzjoni nazzjonali, bħal numru tar-reġistru tal-kumpanija jew simili, sabiex tippermetti konsistenza bejn verżjonijiet differenti tal-lista ta' operazzjonijiet u aktar preċiżjoni fil-Kohesio (dan se jippermetti r-raggruppament tal-operazzjonijiet kollha ta' benefiċjarju fir-reġjuni, il-perjodi ta' programmazzjoni u l-Fondi kollha). Fil-każ ta' diversi benefiċjarji, inkludi l-IDs għall-benefiċjarji kollha ta' operazzjoni u sseparahom permezz tas-simbolu tal-pajp (" ").</i>	B_ID_1121 <i>jew</i> 0062164 0071254
Tip ta' benefiċjarju*	Ikkategorizza l-benefiċjarji bħala entitajiet ġuridiċi jew persuni fiżiċi.	Entità ġuridika <i>jew</i> Persuna fiżika
Post tal-benefiċjarju	Meta l-benefiċjarju jkun entità ġuridika, il-post irid jiġi pprovdut.	"Corso Martiri della Libertà, 57, 44121 Ferrara, Italy"

<i>(għal operazzjonijiet mobbli jew operazzjonijiet li jkopru diversi postijiet)</i>	Meta l-benefiċjarju jkun persuna fiżika, jeħtieġ li jiġi pprovdut ir-reġjun NUTS 2. <u>L-operazzjonijiet mobbli jew l-operazzjonijiet li jkopru diversi postijiet</u> (jiġifieri operazzjonijiet mhux implimentati f'post wieħed speċifiku bħal proġetti ta' taħriġ - b'diversi postijiet jew b'parteċipanti minn diversi reġjuni/postijiet, proġetti li jstabbilixxu servizzi diġitali, universitajiet virtwali jew simili) għandhom jipprovdu post tal-benefiċjarju/i.	<i>jew</i> "44.83671951293945, 11.619765281677246"
Isem il-kuntrattur	Indika l-ismijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet u atturi oħra li huma kkuntrattati bħala parti mill-operazzjoni. Għandu jimtela fil-każ ta' akkwist pubbliku. <i>Parir: żgura l-konsistenza fl-ismijiet tal-kuntratturi, biex tippermetti l-ġbir u r-rikonċiljazzjoni preċiżi tad-data. Jekk operazzjoni jkollha aktar minn kuntrattur wieħed, speċifikahom f'ċellula waħda billi tissepura bis-simbolu tal-pajp (" ").</i>	Kuntrattur X <i>jew</i> Kuntrattur Z Kuntrattur Y
Identifikazzjoni tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni <i>(għall-operazzjonijiet tal-FEMSA)</i>	In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment fil-flotta tas-sajd tal-Unjoni. Id-data għandha titneħħa sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali fuq is-sit web tal-programm jew is-sit web bħala portal uniku.	HRV000012

Eżempji tajbin ta' kif isir l-aħjar użu mil-listi ta' operazzjonijiet:

- Il-lista ta' operazzjonijiet issir faċli għall-magni u tiġi żgurata l-pubblikazzjoni taħt URL stabbli, li ma jinbidilx wara diversi bidliet fil-lista (eż. www.authority.eu/list-of-operation).
- Jiġi armonizzat u kkonsolidat il-mod ta' kif jiġu prodotti l-listi ta' operazzjonijiet f'pajjiżek: il-koordinaturi nazzjonali tal-komunikazzjoni jistgħu jqajmu l-kwistjoni tal-listi ta' operazzjonijiet mal-uffiċjali tal-komunikazzjoni tal-programmi u jistabbilixxu l-istess struttura fil-programmi kollha f'pajjiż. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jippubblikaw lista komprensiva li tkopri l-programmi kollha fuq is-sit web bħala portal uniku.
- Jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-komunikazzjoni u l-ispeċjalisti tal-IT jew tal-ġestjoni tal-għarfien ikunu involuti fl-abbozzar u fil-pubblikazzjoni ta' listi ta' operazzjonijiet u fl-użu tal-Kohesio. Ta' min jinnota li l-kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ profili tagħmel l-aħjar użu mir-rekwiżiti.
- Barra minn hekk, l-ispeċjalisti tal-IT jew tal-ġestjoni tal-għarfien fl-awtoritajiet tal-programm se jkollhom ħarsa ġenerali lejn il-kampijiet tad-*data* li jistgħu jintużaw mill-ġdid fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikolu 72(1,e) u tal-Anness XVII (*data* li għandha tiġi rreġistrata u maħżuna elettronicament għal kull operazzjoni).
- Tiġi inklużi funzjonalità tal-esportazzjoni li tippermetti buttuna tat-tniżżil għal-lista sħiħa ta' operazzjonijiet.
- Tiġi evitata l-fużjoni taċ-ċelluli, peress li din tillimita d-*data* milli tinqara mill-magni.
- Jintużaw standards ta' kkwodjar universali (eż. utf-8) meta jkun possibbli, jew inkella jiġu inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi.
- Tiġi offruta interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (API), jiġifieri software li jippermetti l-istabbiliment ta' konnessjoni ma' software jew applikazzjoni oħra. Dan jgħin biex id-*data* tiġi estratta awtomatikament minn siti web ta' programmi differenti għall-Kohesio b'mod sigur u strutturat.
- Ara aktar eżempji fit-[tagsima tal-FAQ tal-Kohesio](#).